**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**Albert (Albert Spiridione) Muscat**

Illum, 11 ta' Lulju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Albert (Albert Spiridione) Muscat, ta' 45 sena, iben Joseph u Margaret nee' Mizzi, imwieled Msida, fl-1 ta' Otturbu 1970 u residenti Wild Eden, Triq Santa Venera, Msida, detentur ta' karta tal-identita' 425070(M).

Billi inti akkuzat talli nhar it-23 ta' Novembru 2015, ghall-habta tal-05:30 ta' filghodu u wara dan il-hin, gewwa Triq l-Imdina f'Hal Qormi;

Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn elfejn u hames mitt ewro (€2,500) u cioe' fuq vettura Toyota Yaris bin-numru ta' registrazzjoni JBS 295;

Barra minn dan l-imputat Albert (Albert Spirdione) Muscat huwa akkuzat talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabeix il-kaz jigi tratta bi prodcedura sommarja u li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet mgjuba fil-konfront tieghu u li huwa kkonferma ma l-istess ammissjoni wara li nghata zmien sabiex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Il-Qorti rat illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghalhekk dawn gew soisfacjentement ippruvati.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali tal-imputat, l-ammissjoni bikrija u l-fatt li l-imputat ghamel tajjeb ghall-hsara kagonata.

Il-Qorti fuq ammissjoni, wara li rat l-artikoli 49, 50 u 325 (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-imutazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberat bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat